MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 969/2001/1

**Bitmac Limited**

**Vs**

**Charles Dimech u Josephine Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Lm3699.34 (tlett elef sitt mija disa u disghin Lira Maltin u erba u tletin centezmu) rappresentanti prezz ta’ fornituri u xogholijiet maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-intimati u minnhom mhux imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tax-xogholijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta attrici;
2. Illi l-azzjoni ghal parti mill-ammont pretiz, kif ser jirrizulta, hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16, jew alternattivament a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16;
3. Illi kwantu ghall-ammont l-iehor dan mhux dovut mill-konvenuti izda kif jidher mid-dokumenti li ghandhom l-istess atturi minn terza persuna u cioe' il-Perit John Rizzo Naudi.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tal-konvenut a fol 30 tal-atti u dak verbalizzat a fol 31 ibid.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li ssir referenza ghal dak li xehed Hector Camilleri (fol 15 et seq ibid) li esebixxa diversi dokumenti kif ser jinghad:-

a) dokument bid-data tas-17 ta' Marzu 1991 li jirreferi ghal "xoghol ordnat antik' li sar mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut.
b) Ma' dan id-dokument, hemm annessa rcevuta minn fejn jirrisulta illi mill-ammont globali specifikat, fid-dokumenti precedenti, l-konvenut kien hallas akkont ta' Lm400.00 (ara fol 19 dwar dawn iz-zewg dokumenti).
c) In rigward l-istess zewg dokumenti, gie esebit, ukoll, il-ftehim relattiv datat l-1 ta' Marzu 1991 (fol 21 ibid) kif ukoll 'provisory note' iffirmata mill-konvenut u li biha l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1400.00. Dan tal-ahhar jidher li ghandu bhala data ta' maturita, l-1 ta' April 1991.

In rigward il-premess, ix-xhud issottolinea illi l-bilanc allegatament dovut mill-konvenut u kif spjegat ma hux inkluz f'dak pretiz fl-avviz in esami. Difatti, jidher li, in rigward l-istess ammont, kienet jinfethet kawza quddiem

il-Qorti kompetenti izda fi kliem l-istess xhud "… kont qtajt qalbi" ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda.

Ix-xhud kompla biex jghid li matul l-1999 kien gie ghand ix-xhud, il-Perit John Rizzo Naudi sabiex jiddiskuti xoghol max-xhud f'isem klijent tal-istess Perit. Eventwalment l-istess Perit kien informa lix-xhud illi l-klijent kien, effettivament, il-konvenut. Inoltre dan l-Perit kien assigura lix-xhud illi "… Dimech kien ser jhallasna" wara li x-xhud wera dubbju dwar dan minhabba li "Ahna diga migdumin minn Dimech". Difatti is-socjeta attrici kienet esegwit ix-xoghol konsistenti fi tqaxxir ta' trinka u l-ghoti ta' "Asphalt" liema trinka kienet saret mill-konvenut fuq inkarigu moghti lilu mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Wara li x-xoghol tkejjel, il-kont kien intbaghat lill-imsemmi Perit 'on behalf of Charles Dimech" (ara fol 22 tal-atti) liema kont jidher li jammonta ghal Lm1262.13. Pero' fl-ahhar tax-xhieda tieghu, ix-xhud spjega li l-avviz in esami kien jinkludi, ukoll, mhux biss it-tieni ftehim izda l-kont ghadu dovut bhala bilanc in rigward 'ix-xoghol ordnat antik' u dan wara li fl-istess xhieda x-xhud kien pjuttost impreciz fuq dan il-punt. L-istess xhud, Hector Camilleri, kif jidher a fol 25 et seq ibid gie riprodott sabiex jesebixxi kopja ta' ittra ufficjali presentata fis-7 ta' Frar 1994 u li biha l-konvenut gie interpellat sabiex jhallas Lm2437.34 bhala prezz ta' materjal mibjugh u konsenjat lill-konvenut. Dwar l-istess ittra ufficjali jidher li din qatt ma giet notifikata lill-attur u b'mod evidenti kienet tirreferi ghax-'xoghol ordnat antik' imsemmi mill-istess xhud.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut meta xehed (fol 13 ibid) sema' li "l'unika haga li rcevejt in konnessjoni ma dan il-kaz …. kienet l-avviz in ezami".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher mix-xhieda tal-istess Hector Camilleri illi fl-ammont pretiz fl-avviz kemm ukoll inklus il-bilanc ta' prezz, allegatament ghadu dovut mill-konvenut

in konnessjoni max-xoghol u materjal ordnat mill-istess konvenut fl-1991.

Illi, permezz tal-artikolu 2148(a) u 2156(f) citati mill-konvenuti, dan qed jeccepixxi il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar u hames snin rispettivament.

Illi jidher evidenti illi l-perjodu massimu citat kien skada u ddekorra meta gie presentat l-avviz inesami u dan b'referenza ghal bilanc ta' prezz li jirreferi ghal ftehim maghmul fl-1991 u dan anke jekk tista' tigi konsiderata l-'provisonary note' imsemmija hawn fuq. Matul dan il-perijodu qabel ma skada l-perijodu ta' preskrizzjoni kienet giet presentata l-imsemmija ittra ufficjali li, pero' ma gietx notifikata lill-konvenut u b'hekk ghandu jopera l-artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili. Inoltre fl-istess perijodu u anke wara li dan skada ma jidhirx li gie pruvat illi l-konvenut b'xi mod irrikonoxxa li hu debitur tas-socjeta attrici. Ghalhekk l-eccezzjoni in esami ghandha tigi akkolta f'dak li jirrigwarda il-prezz ta' 'xoghol ordnat antik' a basi ta' kalkoli maghmulin mill-Qorti jammonta ghal Lm2437.34 mill-ammont pretiz fl-avviz.

Illi, in rigward il-bilanc ta' Lm1272.00 u li jirreferi ghall-kont a fol 22 tal-atti jidher li dan kien gie esegwit fit-28 ta' Frar 1999, jidher minn nota tal-konvenut a fol 30 tal-atti illi l-eccezzjoni in esami ma tirreferix ghal dan l-ammont u ghalhekk din il-kawza ghandha titkompla fil-meritu, limitatament ghal dan l-ammont, skond il-kont gja imsemmi u dak a fol 23 tal-atti wara li jigu konsiderati l-eccezzonijiet minn wiehed (1) sa tlieta (3) kif hemm fuq citati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa 'in parte' it-tieni (2) eccezzjoni kif proposta mill-konvenuti u filwaqt li tiddikjara din l-azzjoni bhala preskritta kwantu ghall-ammont ta' Lm2437.34,0 tordna li din l-azzjoni titkompla kif di gja inghad, in rigward l-ammont ta' Lm1272.00,0. Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------